II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1152/2013

**tad-19 ta' Novembru 2013**

**li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Ungeriża tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1129/2011 li jemenda l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10, l-Artikolu 30(1) u l-Artikolu 30(5) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Ungeriża tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1129/2011 [2] fiha bosta żbalji li għandhom jiġu kkoreġġuti. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru 1129/2011 għandu jiġi kkoreġut skont dan.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Jikkonċerna biss il-verżjoni bil-lingwa Ungeriża.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

(1) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

(2) ĠU L 295, 12.11.2011, p. 1.